TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 80/21/MM

Anthony Cilia

Vs

Ryan Borg – R.B. Finishings

10 ta' Lulju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2021 fejn talab is-somma ta' elf mitejn u tmienja u disgħin ewro (€1,298), wara li l-intimat allegatament m'għamilx ix-xogħol inkarigat lilu skont is-sengħa u l-arti.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra li r-rikorrenti talab li jemenda l-ammont tat-talba tiegħu, liema talba ma kiniext opposta mill-intimat u b'hekk wara li ra l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, dan it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex issa qiegħad jitlob is-somma ta' elf seba mija u tmienja u tletin ewro (€1,738) minflok is-somma ta' elf mitejn u tmienja u disgħin ewro (€1,298).

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Ra li l-attur baqa' ma dahhalx in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu minkejja t-terminu li nghata lilu.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-initmat.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent qabbad lill-intimat biex jaħdimlu ġo daru iżda sa minn qabel tlesta x-xogħol beda jilmenta minn xi nuqqasijiet li beda josserva. Illi t-talba tar-rikorrenti hija biex jiġi kumpensat għal tiles iċċipjati jew tiles li ġew iccipjati waqt li kienu qegħdin jigu installati, tiles li huma 'rectifed' li ma ġewx installati skont is-sengħa u l-arti u l-anqas l-'ispacing' bejn il-madum m'humiex konsistenti, u dan apparti finatura li ma saritx sewwa fuq il-ħitan, xogħolijiet li ma tlestewx apparti xogħolijiet li ma tlestewx fil-ħin miftiehem.

Illi permezz ta' rikors, ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex tisostwixxi l-ammont mitlub ta' elf mitejn u tmienja u disghin ewro (€1,298) mal-ammont ta' elf seba' mija u tmienja u tletin ewro (€1,738), liema talba ġiet akkolta. Illi r-rikorrenti qieghed jippretendi dan il-hlas a bażi ta' rapport maħruġ mil-Perit Alexis Inguanez li stima l-allegat xogħol rimedjali għas-somma ta' elf seba' mija u tmienja u tletin ewro (€1,738).

Illi l-attur xehed permezz ta' affidavit u ppreżenta diversi dokumenti u ritratti u rapport tal-perit Alexis Inguanez in sostenn tat-talbiet tiegħu. Illi huwa jispjega li apparti li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, ċertu xogħol ma sarx fil-ħin u xi xogħol baqa' ma tlestix. Illi huwa jsostni li ż-żmien kien importanti ħafna għalih stante li fil-bidu ta' Jannar kellu jmur xahrejn ir-Russja ħdejn martu. Jgħod li konsegwenza tal-inadempjenza tal-intimat, tilef is-safra u sofra preġudizzji personali. Illi in kontra-eżami xehed li huwa ma jifhimx u billi kien ikun preżenti ma jfissirx li kien qed ikun jaf x'qed isir. Sar jaf bid-difetti xi żmien wara meta beda jnaddaf.

Illi min-naħa tiegħu l-intimat għażel li jixhed bil-proċedura tal-affidavit. Xehed ukoll permezz tal-affidavit missieru Marco Borg. Illi permezz ta' affidavit dettaljat l-intimat ċaħad l-allegazzjonijiet li kienu qiegħdin isiru fil-konfront tiegħu u rrisponda billi qal li hu, flimkien ma missieru li kien imur itih daqqa t'id, għamlu x-xogħol kollu skont is-sengħa u l-arti. Permezz tal-affidavits tagħhom, lintimat Ryan Borg u missieru Marco Borg jispjegaw fid-dettal kif huma dejjem ħadmu kif suppost u li fil-perjodu li kienu qiegħdin jahdmu, ir-

rikorrenti kien ikun preżenti u seta jara eżattament x'kienu qiegħdin jagħmlu. Illi Marco Borg jgħid li kemm il-darba ppruvaw jikkuntentaw lir-rikorrenti minkejja li kien jaf li dak li qed jitlob mhux neċessarjament li kienet ideja tajba. Illi kemm l-intimat kif ukoll missieru Marco Borg jgħidu li huma tassew sorpriżi li r-rikorrenti għamel dawn il-proċeduri stante li fl-opinjoni tagħhom dan tal-aħħar kien kuntnet bis-servizz mogħti lilu.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi t-Tribunal jinnota li mir-rapport esebit mir-rikorrenti imħejji mill-Perit Alexis Inguanez (li minkejja li ma ġiex maħluf qiegħad jiġi dikjarat ammissibli bħala prova), jirriżulta li

hemm difetti li sabiex jiġu rimedjati hemm spiża ta' elf seba' mija u tmienja u tletin ewro (€1,738). Illi fil-kuntest ta' responsabbilita, it-Tribunal iqis illi l-fatturi li jirrigwardaw ir-responsabbiltà huma ċentrali fid-determinazzjoni tal-ħtija jew innoċenza tal-intimat li allegatament naqas li jaħdem skont is-sengħa u l-arti.

Illi dwar ir-responsabbilta` f'kuntratt ta'appal it-Tribunal jirreferi għall-każ **Proinvest Limited vs Giljan Agius** (Appell 8 ta' Jannar 2010) intqal: "*hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avoja jkun hemm l-approvazzjoni ta-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew struzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.*"

Illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Muscat vs Cuschieri** deċiża fis-26 ta' Mejju 2006 qalet: *"min jidhol biex jesegwixxi apalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza".*

Illi fis-sentenza **"Valletta Aluminium Wrought Iron Work Limited vs Carmen Grech"** (P.A. (JRM) – 17 ta' Gunju 2010) inghad li *"l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jaghmel sknd l-ahjar sengha u hila tieghu biex jaghti xoghol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu ("Tal-Franciz Construction Limited et vs Anglu Zarb" – A.I.C. (PS) – 15 ta' Lulju 2007). B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiza li x-xoghol ma sarx tajjeb* ***ghaliex sar kif riedu l-kommittent, ghaliex l-appaltatur irid jirrezisti kull intromissjoni tal-kommittent minhabba dak l-indhil jew insistenza x-xoghol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengha u l-arti****....Illi lanqas ma jiswa l-argument ta' l-appaltatur li x-xoghol moghti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-ahhar u li ma kienx ressaq*

*ilmenti jew li, sahansitra, ikun rega' qabbdu jaghmillu x-xoghol iehor. Dan jinghad ghaliex il-fatt li jsir il-hlas jew hlas akkont jew li x-xogholijiet ikunu gew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull kaz jistkenn mix-xilja tat-twettiq hazin ta' appalt".* (sottolinera ta' dan it-Tribunal).

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-intimat jqajjem diversi dubju dwar il-konklużjonijiet li hemm fir-rapport tal-perit Alexis Inguanez. Dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatt mill-argumenti tal-intimat u jħoss li l-linja difensjonali tiegħu m'hijiex verosimili jew plawsibbli. Illi t-Tribunal josserva li l-intimat naqas li jagħmel kontro-eżami lill-perit. Illi l-intimat naqas ukoll milli jinkariga espert in materja biex jiġi kostatat b'mod struwit dak ix-xogħol li sar jew ma sarx, u l-valur tax-xogħol li ġie eżegwit mill-intimat.

Illi minkejja li l-perit Alexis Inguanez ma ġiex maħtur minn dan it-Tribunal, madanakollu dan huwa l-unika xhud indipendenti u għalhekk dan it-Tribunal ser jagħtik il-kunsiderazzjoni dovuta u ser japplika l-istess providementi tal-esperi maħtura mill-qorti. Illi il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014** *"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk – Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu*

*wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dan kollu suespost dan it-Tribunal ma jarax għaliex m'għandux jistirħ fuq il-prova ossia r-rapport tal-perit Alexis Inguanez stante li dan huwa rapport magħmul minn esperti fil-kamp li tqabbad mill-attur biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk ħjaladarba dan it-Tribunal mhux konvint li l-konklużjonijiet ta' tali rapport mhumhiex korretti u ġusti, it-Tribunal qiegħad jagħmel tiegħu u jadotta tali konklużjonijiet. Dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tar-rikorrent hija iktar verosimili jew plawsibbli u għalhekk l-attur irnexxilu jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' prbabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi l-intimat naqas milli jeżegwixxi x-xogħolijiet appaltati skont is-snegħa u l-arti. Għalhekk dan it-Tribunal ser jagħddi biex jordnalu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż għax-xogħoijiet rimedjali.

**Deċiżjoni**

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies ic-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jordna lill-intimat sabiex fi żmien ġimgħa mil-lum iħallas lir-rikorrent is-somma ta' elf seba mija u tmienja u tletin ewro (€1,738).

L-ispejjeż ta' din is-sentenza a karigu tal-intimat.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**